MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 300/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

**Stephen Spiteri**
**(ID 75186(M))**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ Settembru 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta’ sitt t’elef, seba mija u erbgha u tmenin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€6,784.74) rapprezentanti l-bilanc ta’ Loan u Credit Card Loan Accounts kif ahjar deskritti fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-Ittra Ufficjali datata 15 ta’ Frar 2012 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-Ligi mit-3 ta’ Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, w il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u fil-post tal-konvenut gewwa Valletta, fl-14 ta’ Novembru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datati 1-14 ta’ Novembru 2012 (fol 38 tergo).

Rat illi il-konvenut gie ukoll notifikat b’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta’ Novembru 2012 (fol. 37) u fil-gazzetti lokali L-Orizzont fit-30 ta’ Novembru 2012 (fol 41) u The Malta Independent fit-30 ta’ Novembru 2012 (fol 41).

Illi fis-seduta tat-18 ta’ Jannar, 2013 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduti ta’ l-1 ta’ Frar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt t’elef, seba’ mija u erba’ u tmenin euro, u erba’ u sebghin centezmu (€6,784.74), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------